# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-22 ta' Gunju 2022**

**Rikors Numru : 541/2021 JPG**

**Kawza Numru : 16**

**EM**

**Vs**

**AV**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' EM datat 9 ta' Novembru 2021 a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewwgu f'Malta fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Gunju tas-sena elfejn u sebgha (2007) fil-knisja ta' San Sebastjan Hal-Qormi;*

*Illi l-partijiet huma legalment separati b'kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Anton Borg data dsatax (19) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmintax (2018) wara l-awtorizzazzjoni tal-Qorti tal-Familja datata 137/2018 liema kuntratt huwa hawn anness bhala Dok 'A';*

*Illi minn dan iz-zwieg kellhom wild wiehed bl-isem ta' M li twieled f'X.*

*Illi l-manteniment dovut lit-tifel minuri, u dan ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni personali, dejjem gie rispettat;*

*Illi kwantu ghall-manteniment lejn xulxin, hadd minnhom ma ghandu dan il-jedd, peress illi l-partijiet kienu gia irrinunzjaw definittivament kif maqbul fil-kuntratt ta' separazzjoni anness u ma' dan ir-rikors;*

*Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom u llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi l-kundizzjonijiet kollha li kienu mifthiem u mnizzla fil-kuntratt ta' separazzjoni hawn fuq imsemmi qieghdin jigu rrispettati miz-zewg partijiet;*

*Illi dawn il-fatti kif hawn fuq elenkati u kkonfermati fl-affidavit tar-rikorrenti, liema affidavit qieghed jigi hawn anness u mmarkat Dok 'B', jissodisfa il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta' divorzju skont l-artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta);*

*Ghaldaqstant, l-esponent qieghed umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tiddikjara l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*
2. *Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fiz-zmien li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tistabilixxi, jirregistra d-divorzju fir-Registru Pubbliku*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat in-nota ta' EM datat 24 ta' Frar 2022 li permezz taghha stieden lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza (vide fol 28);

Rat illi l-intimata debitament notifikat nhar it-28 ta' Dicembru 2021, ma ppresentat ebda risposta, ghalhekk hija kontumaci;

Rat il-fakolta moghtija lill-intimata sabiex tippresenta s-sottomissjonijiet taghha ai termini tal-Art 158(10) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, izda din baqghet inadempjenti (vide fol 30);

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**EM xehed** (vide affidavit fol 18) illi l-partijiet zzewgu nhar id-29 ta' Gunju 2007 u li minn dan iz-zwieg twieled tifel, li ghadu minuri. Sostna illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-partijiet sseparaw permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Anton Borg nhar id-19 ta' Lulju 2018. Iddikjara illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni. Di piu' ikkonferma illi ma hemm ebda manteniment dovut bejniethom u llum jghixu hajja totalment separata minn xulxin.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar id-29 ta' Gunju 2007, liema zwieg jgib certifikat numru 1063/2007 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 28). Minn dan iz-zwieg twieled tifel, li ghadu minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali fl-atti tan-Nutar Dr Anton Borg nhar id-19 ta' Lulju 2018 (vide kuntratt ta'

separazzjoni fol 5 et seqq). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Di piu', il-Qorti taghraf illi ma hemm ebda eccezzjoni li ghandha titqanqal ex-offico u dana fid-dawl tal-kontumacja tal-intimata.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1063/2007 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**